

Brussell, 14 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6825/22

CO EUR-PREP 7
POLGEN 31
ECOFIN 186
SOC 119
EMPL 79
UEM 35
COMPET 132
ENV 177
RECH 110
ENER 76
JAI 283

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Semestru Ewropew - Rapport ta' sinteżi tal-2022

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-Rapport ta' Sinteżi mħejji mill-Presidenza dwar il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2022, ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, il-proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro. Il-konklużjonijiet u d-diskussjonijiet relatati tal-Kunsill li saru f'konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill rigward is-Semestru Ewropew tal-2022, matul l-ewwel fażi, huma riflessi wkoll fid-dokument.

Għandu jiġi ssottolinjat li dan ir-Rapport ta' Sinteżi tal-2022 tħejja abbażi tad-diskussjonijiet li saru f'konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill u tad-dokumenti tas-Semestru Ewropew li tħejjew u nħarġu qabel ma setgħu jiġu vvalutati u kkunsidrati l-effetti tas-sitwazzjoni li tirriżulta mill-aggressjoni militari tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Kuntest

Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat il-"Pakkett tal-Ħarifa" għas-Semestru Ewropew tal-2022, li kien jinkludi:

- l-Istħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli (ASGS) tal-2022¹, li stabbilixxa l-istrateġija tal-politika ekonomika u tal-impjiegi għall-UE, sabiex l-Ewropa terġa' lura aktar b'saħħitha mill-kriżi tal-COVID-19 u ssir aktar ekoloġika u aktar diġitali, skont l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva;
- ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2022², li rrakkomanda li tnaqqs il Stat Membru għandha ssir ilhom analiżi fil-fond fl-2022 biex tiġi identifikata u vvalutata l-gravità tal-iżbilanċi makroekonomiċi possibbli;
- il-proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi³, li analizzat is-sitwazzjoni soċjali u tal-impjiegi fl-Ewropa u enfasizzat l-oqsma li fihom sar il-progress, u dawk fejn kien jeħtieġ li jsir aktar;
- ir-rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro)⁴, li għall-perijodu 2022–2023 irrakkomanda lill-Istati Membri taż-żona tal-euro biex jieħdu azzjoni, individwalment, permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom, u b'mod kollettiv fil-Grupp tal-Euro.

Il-perspettiva ekonomika ppreżentata fl-Istħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli (ASGS) tal-2022 hija bbażata fuq it-Tbassir ekonomiku tal-ħarifa tal-Kummissjoni ta' Novembru 2021. L-ASGS ipprovda evidenza li l-isforzi biex jiġu indirizzati l-effetti immedjati tax-xokk tal-COVID-19 kienu qed iħallu l-frott. Għall-2021, kemm il-PDG fiż-żona tal-euro kif ukoll dak fl-UE kienu t-tnejn mistennija li jikbru b'5,0 %. Hekk kif l-ekonomija tal-UE mxiet mill-irkupru għall-espansjoni, appoġġata minn titjib fis-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli u l-attivazzjoni rapida tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, it-tkabbir tal-PDG reali fl-UE kien ipproġettat li jkun ta' 4,3 % fl-2022 u 2,5 % fl-2023. Ir-rata tal-qgħad kompliet tonqos, għalkemm baqgħet marġinalment oġhla mil-livell tagħha ta' qabel il-kriżi. Il-perssonijiet inflazzjonarji żdiedu minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-interruzzjonijiet fil-ktajjen ta' provvista. L-inċertezza u r-riskji baqgħu għoljin, inkluż l-evoluzzjoni tal-pandemija, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha.

¹ 14145/21

² 14143/21

³ 14267/21

⁴ 14146/21

L-ASGS irrakkomanda li l-attività ekonomika tiġi allinjata dejjem aktar mal-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva: is-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, l-ekwità u l-istabbiltà makroekonomika, u li l-erba' dimensjonijiet ma għandhomx jitqiesu b'mod iżolat, peress li jsaħħu lil xulxin.

L-aġenda tal-politika ekonomika, soċjali u ambjentali tal-Ewropa għandha għalhekk tiżgura li l-gvernijiet fil-livelli kollha, in-negozji, is-sħab soċjali u l-unitajiet domestiċi jikkontribwixxu b'mod konsistenti biex nilħqu l-miri tagħna għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, kif ukoll il-miri tal-impjiegi, tal-ħiliet u tat-tnaqqis tal-faqar stabbiliti permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-ekonomija tagħna, jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku u li ħadd ma jitħalla jaqa' lura.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli fakkar li s-Semestru Ewropew jipprovdi qafas stabbilit sew għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Istati Membri u ser ikompli jaqdi dan ir-rwol fil-fażi tal-irkupru u fl-avvanz fuq it-tranżizzjoni doppja. Il-Komunikazzjoni ddeskriviet ukoll il-karatteristiċi ewlenin taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2022 u spjegat il-bidliet ewlenin meta mqabbla maċ-ċikli preċedenti, filwaqt li tqis il-ħtieġa ta' adattament għall-proċessi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Minħabba d-data ta' pubblikazzjoni tal-Pakkett tal-ħarifa, il-Kunsill Impjiegi u Affarijiet Soċjali ta' Diċembru ma kellux l-iskambju ta' fehmiet tas-soltu dwar l-Istħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli.

Bħal fis-snin preċedenti, il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (fit-18 ta' Jannar 2022) adotta konklużjonijiet dwar l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli⁵. Il-Kunsill laqa' l-prijoritajiet ekonomiċi mressqa fl-Istħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2022, bħalma hi t-tkomplija tal-enfasi fuq is-sostenibbiltà kompetittiva skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Huwa qabel li l-erba' dimensjonijiet li jsaħħu lil xulxin (is-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, l-ekwità, u l-istabbiltà makroekonomika) jibqgħu validi għall-kisba tal-mira tal-UE li timxi lejn mudell ekonomiku sostenibbli, reżiljenti u inklużiv.

⁵ 5365/22

Filwaqt li qies is-saħħa tal-irkupru u l-livell ta' inċertezza, il-Kunsill ikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jibqgħu aġli fir-rispons tal-politika fiskali tagħhom sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu għall-evoluzzjoni tal-pandemija. Stieden lill-Istati Membri, li qed jimxu minn appoġġ fiskali mifrux għal miżuri ta' politika aktar immirati, biex jirvedu regolarment l-użu, l-effettività u l-adeqwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u jkunu lesti li jadattawhom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu, filwaqt li jħarsu s-sostenibbiltà fiskali fuq perijodu medju.

Il-potenzjal tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u t-tiżiħ ta' tkabbir b'saħħtu u sostenibbli tal-UE huwa rrikonoxxut mill-Kunsill, bħalma huwa r-rwol tagħha fil-kisba ta' ekonomija tal-UE reżiljenti, ekoloġika u diġitali. B'hekk appella għal implimentazzjoni f'waqtha, sħiħa u effettiva tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' sfidi ekonomiċi identifikati matul is-snin li għaddew, iżda wkoll għat-tkomplija tal-politika ta' sorveljanza ekonomika tal-UE, inkluż il-monitoraġġ mill-qrib tar-riskji emerġenti.

Is-sorveljanza multilaterali u l-koordinazzjoni mill-qrib tal-politika huma ta' rilevanza kbira għall-Kunsill, kif ukoll huwa djalogu trasparenti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-istadji kollha tas-Semestru Ewropew u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija⁶ tat-18 ta' Jannar 2022, il-Kunsill laqa' r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2022, li jagħti bidu għall-ħdax-il ċiklu annwali tiegħu, u qabel b'mod ġenerali mal-analiżi orizzontali tal-Kummissjoni tal-evoluzzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi fl-UE u fiż-żona tal-euro u r-riskji emerġenti. Jirrikonoxxi li l-pandemija affettwat temporanjament il-kontijiet esterni iżda ma biddlitx b'mod fundamentali x-xejriet tal-kontijiet kurrenti fit-tul ta' qabel il-pandemija.

⁶ 5339/22

Ir-rapport baqa' jinkludi valutazzjoni li tħares 'il quddiem tal-implikazzjonijiet potenzjali tal-kriżi għall-istabbiltà makroekonomika u l-evoluzzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi eżistenti. Dan kien ta' sodisfazzjon għall-Kunsill peress li huwa partikolarment rilevanti minħabba l-inċertezza sinifikanti dwar l-impatt sħiħ tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk il-ħtieġa għall-prudenza fit-tfassil ta' konklużjonijiet dwar l-iżbilanċi bbażati fuq id-data tat-tbassir.

Peress li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi opportunità għall-UE biex tappoġġa l-irkupru u toħroġ b'saħħitha u reżiljenti mill-kriżi, il-Kunsill appella biex jiġu żgurati risposti ta' politika xierqa li jindirizzaw l-iżbilanċi u jżidu l-produttività u l-potenzjal tat-tkabbir kif ukoll il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE.

Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar l-aspetti tal-impjiegi tar-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁷. Il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, individwalment, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom, u kollettivament fil-Grupp tal-Euro, biex ikompljujużaw u jikkoordinaw il-politiki fiskali nazzjonali bejn l-Istati Membri biex jirfdu b'mod effettiv irkupru sostenibbli u inklużiv. L-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom iżommu l-politika fiskali aġli sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu jekk jitfaċċaw mill-ġdid riskji ta' pandemija. Hekk kif il-kondizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, ġie rakkomandat lill-Istati Membri biex isegwu politiki fiskali li jkollhom l-għan li jiksbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju u li jiżguraw is-sostenibbiltà fejn jidhul id-dejn, filwaqt li jittejjeb l-investment.

Fil-14 ta' Marzu 2022, il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2022 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi⁸. Il-ministri laqgħu r-rispons ekonomiku tal-Unjoni, inkluż permezz ta' appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) u l-istrument ta' rkupru Next Generation EU, u l-fatt li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati sa dak iż-żmien kienu jinkludu riformi u investimenti sostanzjali fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u l-politiki soċjali.

⁷ 5461/22

⁸ 6473/22

Il-Kunsill laqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022 u l-enfasi msaħħa tagħha fuq il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew għad-Drittijiet Soċjali, kif ukoll l-integrazzjoni tal-miri ewlenin u l-indikaturi ewlenin riveduti tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fil-proposta bħala parti mis-Semestru Ewropew, skont id-dikjarazzjoni ta' Porto⁹.

Il-ministri appellaw lill-Istati Membri biex jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli u s-sejbiet tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, u biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fl-aħħar nett, il-Kunsill ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-impatti soċjali u fuq l-impjiegi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

Fuq l-inizjattiva tal-Prezidenza, il-ministri responsabbli għall-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-ambjent u r-riċerka kellhom diskussjonijiet tematiċi dwar suġġetti relatati mas-Semestru Ewropew.

Fl-14 ta' Marzu 2022, matul il-Kunsill impjiegi u affarijiet soċjali, il-ministri kellhom dibattitu.

Fis-17 ta' Marzu 2022, il-Kunsill Ambjent kellu dibattitu tematiku dwar is-Semestru Ewropew.

Bħala għarfien tad-dimensjoni parlamentari tas-Semestru Ewropew, il-Prezidenza u l-Parlament Ewropew organizzaw flimkien il-Ġimġha Parlamentari tas-Semestru Ewropew tal-2022 (15 u 16 ta' Marzu 2022), fil-kuntest tal-governanza ekonomika tal-UE minn perspettiva parlamentari.

⁹ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/05/08/the-porto-declaration/>